# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2003

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **Ħin: SIEGĦA**

**Isem u Kunjom:** _________________________ **Klassi:** _______

**A.** Immarka b'sinjal (✓) fil-kaxxa fejn l-aħjar tweġiba. Ara l-eżempju. **(10 marki)**

**Eżempju:** **Aħna fid-dmir li**

| | |
|---|---|
| **a) nħobbu lil min iħobbna biss.** | **a)** |
| **b) nħobbu lill-ħbieb biss.** | **b)** |
| **ċ) nħobbu lil kulħadd.** | **ċ) ✓** |

1. Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek

| | |
|---|---|
| a) u lil ħadd aktar. | a) |
| b) b'qalbek kollha u b'ruħek kollha. | b) |
| ċ) u lil min iħobbok biss. | ċ) |

2. Ħobb lil ħaddieħor

| | |
|---|---|
| a) meta trid int. | a) |
| b) xi kultant biss. | b) |
| ċ) bħalek innifsek. | ċ) |

3. Aħfer

| | |
|---|---|
| a) lil min jaħfirlek biss. | a) |
| b) lil min jagħmillek id-deni. | b) |
| ċ) lil min iħobbok biss. | ċ) |

4. Waqt festa tar-raħal

| | |
|---|---|
| a) agħmel ħafna storbju. | a) |
| b) ifraħ bla ma ddejjaq lil ħaddieħor. | b) |
| ċ) kul u ixrob kemm tiflaħ. | ċ) |

5. Waqt il-logħob

| | |
|---|---|
| a) għandek iċċedi. | a) |
| b) tellef u dejjaq lill-oħrajn. | b) |
| ċ) trid tisraq. | ċ) |

**B.**

Qabbel is-sentenzi u iktibhom taħt.
Ara l-eżempju. (10 marki)

| | A | B |
|---|---|---|
| 1. | ~~**Nitlob**~~ | lil min joffendini. |
| 2. | Lejn il-proxxmu tiegħi għandi | lil min hu fil-bżonn. |
| 3. | Ġesu' għallimni naħfer | ~~**xi ftit kuljum.**~~ |
| 4. | Ngħin | nuri rispett. |
| 5. | Inżur | dak li mhux tiegħi. |
| 6. | Ma nżommx | lil min hu marid. |
| | | |
| 1. | **Eżempju: Nitlob xi ftit kuljum.** | |
| 2. | | |
| 3. | | |
| 4. | | |
| 5. | | |
| 6. | | |

**Ċ.**

Fid-dinja hawn ħafna nies li qegħdin ibatu.
Agħti ħames eżempji ta' nies li jinsabu fi tbatija u għandhom bżonn l-għajnuna.
**(10 marki)**

| |
|---|
| **Eżempju: il-morda** |
| 1. |
| 2. |
| 3. |
| 4. |
| 5. |

**D.** **Ikteb talba lil Ġesu'. Għidlu biex jgħin dawk il-persuni li jaħdmu ma' nies li qegħdin ibatu.** (10 marki)

Mulej Ġesu',



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**E.** **Q**abbel it-talb fl-ewwel kolonna mat-tifsira fit-tieni kolonna. Ikteb in-numru t-tajjeb quddiem it-tieni kolonna. Ara l-eżempju. **(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Il-Missierna** | | Jiddispjaċina li m'obdejniex lil Alla. |
| 2. | Il-Glorja | | Nitolbu lill-Madonna bħala s-sultana tagħna. |
| 3. | Is-Salve Reġina | **1.** | Ngħidu t-talba li għallimna Ġesu' bħala ulied Alla. |
| 4. | L-Att ta' l-Indiema | | Insellmu lil Marija bil-kliem ta' l-Anġlu Gabriel u ta' Eliżabetta. |
| 5. | Il-Kredu | | Infaħħru lit-Trinita' Qaddisa. |
| 6. | Is-Sliema | | Nuru li nemmnu f' Alla wieħed u fil-Knisja Tiegħu. |



**F.** Il-kelma b'ċirku madwarha ma taqbilx mal-grupp. Żid kelma fil-vojt biex turi għaliex. Ara l-eżempju. **(10 marki)**

**Eżempju:** San Mark, San Luqa, **San Tumas**, San Ġwann, San Mattew

San Tumas ma kienx **evanġelista**.

1. qrar, magħmudija, **fidi**, tqarbin, żwieġ

   Fidi mhix ___________________.

2. Is-Salve Reġina, Is-Sliema, **priedka**, L-Att ta' l-Indiema, Il-Missierna

   Priedka mhix ___________________.

3. Xmun Pietru, Mattew, **Żakkew**, Indri, Ġakbu

   Żakkew ma kienx ___________________.

4. L-Għid il-Kbir, il-Milied, **il-Bibbja**, Lapsi, Pentekoste

   Il-Bibbja mhix ___________________.

5. San Stiefnu, Ġustinu, **San Franġisk**, Charles Lwanga, Pawlu Miki

   San Franġisk ma kienx ___________________.

**Ġ.**

Imla l-vojt bil-kliem li hemm fl-ewwel kolonna.
Ara l-eżempju. (10 marki)



| | |
|---|---|
| **kappella** | **Eżempju:** **Il-<u>knisja</u> hija d-dar t'Alla u d-dar tagħna ukoll.** |
| **~~knisja~~** | 1. F'kull parroċċa niċċelebraw il-________________ tar-raħal. |
| **tabernaklu** | 2. Knisja żgħira tissejjaħ ________________. |
| **festa** | 3. Nieħdu sehem fil-quddiesa madwar l-________________. |
| **artal** | 4. Fit-________________ jinżamm Ġesu' Ewkaristija.  |
| **passjoni** | 5. Fil-quddiesa, il-qassis ifissrilna l-________________ t'Alla. |
| **Kelma** | 6. Il-________________ tal-magħmudija jfakkarna f'meta dħalna fil-familja t'Alla. |
| **Evanġelu** | 7. Il-Via Sagra tfakkarna fil- ________________ u l-mewt ta' Ġesu'. |
| **fonti** | 8. Fil-knisja nsibu xi ________________ li huma xbihat ta' qaddisin. |
| **qniepen** | 9. Fil-Knisja l-________________ jinqara minn fuq l-ambone. |
| **statwi** | 10 Il-______________ isejħulna biex immorru nitolbu fid-dar t'Alla. |

**G.** Imla l-vojt fil-kaxex.
L-ittri u l-istampi jgħinuk. (10 marki)

**Eżempju:** 

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Tiġi ċċelebrata kuljum fil-knejjes kollha.** | | | | | | |
| **q** | **u** | **d** | **d** | **ie** | **s** | **a** |

1. 

| | | | |
|---|---|---|---|
| Id-dnubiet jinħafru b'dan is-sagrament. Il-bniedem jerġa' jsir ħabib m'Alla. | | | |
| | **r** | | |

2 

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F'dan il-jum niżel l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli. | | | | | | | | | |
| **P** | | | | | **k** | | | | |

3 

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Dan kien l-ewwel Papa. | | | | |
| **P** | **ie** | | | |

4 

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dan ġab it-tagħlim sabiħ ta' Ġesu' f'Malta. | | | | | | | |
| **S** | **a** | **n** | | | | **w** | |

5 

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-ikla li Ġesu' għamel ma' l-Appostli fil-lejl ta' qabel miet. | | | | | | | | | | |
| **L-** | **A** | **ħ** | **ħ** | **a** | **r** | | **Ċ** | | | |

**GĦ.** Aqra dawn l-istejjer. Ikteb x'kont tagħmel int, bħala nisrani jew nisranija, kieku kont flok it-tfal f'kull storja.
**(10 marki)**

1. Pawlu u Marco kienu ħbieb. Darba Marco ħalla l-kuluri tat-tpinġija warajh. Lil Pawlu għoġbuh u ħadhom. Pawlu kien jaf li għamel ħażin. Marco induna. Kieku int kont flok Marco, x'kont tagħmel?

2. Marija u Elena kienu aħwa. Darba Elena kissret l-arloġġ ta' Marija. Meta ndunat Marija tgħidx kemm irrabjat u kissritilha tagħha. Kieku int kont flok Marija, x'kont tagħmel?

**H.** L-istampa turi l-festa tat-tieġ fir-raħal ta' Kana. Ikteb mhux inqas minn ħames sentenzi fuq il-ġrajja.
**(10 marki)**



**TMIEM**